

**IR-RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITA-  
JJET IFFINANZJATI MIT-TMIEN, ID-DISA' U L-  
GĦAXAR FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP  
(FEI)**

(2010/C 303/02)



**Ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEI)**

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>
Introduzzjoni	1-5
Il-karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	2-5
Il-kapitolu I – l-implimentazzjoni tat-tmien, id-disa' u l-għaxar FEI	6-10
L-implimentazzjoni finanzjarja	6-9
Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-tmien sad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp	10
Il-kapitolu II – id-dikjarazzjoni indipendenti ta' assigurazzjoni mill-qorti tal-awdituri fuq il-FEI	I-X
Id-Dikjarazzjoni indipendenti ta' Assigurazzjoni mill-Qorti tal-Awdituri dwar it-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEI) għas-sena finanzjarja 2009	I-X
Informazzjoni ta' sostenn għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	11-55
L-ambitu u l-approċċ tal-verifika	11-12
L-affidabbiltà tal-kontijiet	13-18
Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet	19-25
Id-dħul	20
L-impenji	21
Il-pagamenti	22-25
L-effettività tas-sistemi	26-51
Kontrolli <i>ex-ante</i>	29-33
Monitoraġġ u superviżjoni	34-41
Verifiki esterni	42-46
Verifika Interna	47-48
L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni	49-51
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	52-55

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

1. Dan ir-Rapport Annwali jippreżenta l-valutazzjoni tal-Qorti dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEI). L-informazzjoni prinċipali dwar l-attivitajiet koperti u dwar l-infiq fl-2009 hija pprovduta fit-**Tabella 1**.

Tabella 1 – Fondi Ewropej għall-Iżvilupp - Informazzjoni prinċipali

(miljuni ta' euro)

Titolu tal-Baġit	Qasam tal-Politika	Deskrizzjoni	Pagamenti 2009	Mod ta' Ġestjoni
Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	It-8 FEI	Nefqa amministrattiva Nefqa operazzjonali	0	Ċentralizzat u dirett
			0	Ċentrali u indirett
			20	Ċentralizzat u dirett
			152	Deċentralizzat
			0	Ġestjoni konġunta
			<b>172</b>	
	Id-9 FEI	Nefqa amministrattiva Nefqa operazzjonali	4	Ċentralizzat u dirett
			36	Ċentrali u indirett
			439	Ċentralizzat u dirett
			1 188	Deċentralizzat
			177	Ġestjoni konġunta
			<b>1 844</b>	
L-10 FEI	Nefqa amministrattiva Nefqa operazzjonali	71	Ċentralizzat u dirett	
		2	Ċentrali u indirett	
		663	Ċentralizzat u dirett	
		110	Deċentralizzat	
		261	Ġestjoni konġunta	
		<b>1 107</b>		

Total tan-nefqa amministrattiva 75

Total tan-nefqa operazzjonali 3 048

**Total ta' pagamenti <sup>(1)</sup> 3 123**

**Total ta' impenji individwali <sup>(2)</sup> 4 141**

**Total ta' impenji globali <sup>(2)</sup> 3 405**

<sup>(1)</sup> Pagamenti gross, bl-esklużjoni tal-irkurpi.

<sup>(2)</sup> It-totali tal-impenji individwali u globali jinkludu d-diżimpenji.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi tad-data pprovduta minn AIDCO DataWarehouse.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp**

2. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEI) huwa l-istrument prinċipali għall-għoti tal-għajnuna tal-Unjoni Ewropea għal koperazzjoni għall-iżvilupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u Pajjiżi u Territorji lil hinn mix-Xtut Ewropej (OCT). Huwa nħoloq fl-1957 skont it-Trattat ta' Ruma.

3. Il-FEI huma ffinanzjati mill-Istati Membri, irregolati mir-regolament finanzjarju tagħhom stess u ġestiti minn kumitat speċifiku. Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-implimentazzjoni finanzjarja tal-operazzjonijiet iffinanzjati bir-riżorsi tal-FEI. Fil-Kummissjoni, kważi l-programmi kollha tal-FEI huma ġestiti mill-Uffiċċju tal-Koperazzjoni EuropeAid (EuropeAid), li huwa wkoll responsabbli għall-ġestjoni tal-parti l-kbira tan-nefqa tar-Relazzjonijiet Esterni u l-Iżvilupp iffinanzjata mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>. Parti żgħira tal-proġetti tal-FEI <sup>(2)</sup> għandha x'taqsam mal-għajnuna umanitarja u hija ġestita mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja (DG ECHO). Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iġesti l-Faċilità ta' Investment. Il-Faċilità ta' Investment mhix koperta mid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti jew mill-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew <sup>(3)</sup> <sup>(4)</sup>.

4. Il-FEI huma ġestiti skont tliet arranġamenti prinċipali (it-**Tabella 1**): ġestjoni ċentralizzata, konġunta u deċentralizzata <sup>(5)</sup>. Taħt il-ġestjoni ċentralizzata (40 % tal-pagamenti fl-2009), il-Kummissjoni timplimenta l-attivitajiet tal-għajnuna direttament; din hi marbuta l-aktar ma' sostenn tal-baġit. Taħt il-ġestjoni konġunta (14 % tal-pagamenti fl-2009), l-organizzazzjonijiet internazzjonali huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Komunità, bil-kundizzjoni li l-proċeduri ta' kontabilità, ta' verifika, ta' kontroll u ta' akkwist tal-organizzazzjonijiet joffru garanziji ekwivalenti għal standards aċċettati internazzjonalment. L-imsieħba prinċipali tal-EuropeAid huma l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji. Taħt il-ġestjoni deċentralizzata (46 % tal-pagamenti fl-2009), il-Kummissjoni tista' tafda l-ġestjoni ta' ċerti kompiti lill-awtoritajiet tal-pajjiżi benefiċjarji. Il-prinċipju tal-ġestjoni deċentralizzata tal-FEI fir-rigward tal-proċess ta' pagament jintwera fid-**Dijagramma 1**.

<sup>(1)</sup> Ara l-Kapitolu 6 tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit dwar l-2009.


<sup>(2)</sup> Tirrappreżenta 0,9 % tal-pagamenti tal-2009.

<sup>(3)</sup> Ara l-Artikoli 118, 125 u 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1). Fl-Opinjoni tagħha Nru 9/2007 dwar il-proposta għal dan ir-Regolament (ĠU C 23, 28.1.2008), il-Qorti enfasizzat illi dawn id-dispożizzjonijiet inaqqsu l-ambitu tal-poteri ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew.

<sup>(4)</sup> Ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-Qorti (l-Artikolu 134 tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Frar 2008 applikabbli għall-għaxar FEI li hemm referenza għalih hawn fuq) jiffissa r-regoli għall-verifika ta' dawn l-operazzjonijiet mill-Qorti.

<sup>(5)</sup> L-Artikoli 21 sa 29 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar FEI.

Dijagramma 1 — Il-prinċipji tal-ġestjoni deċentralizzata



## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5. L-interventi tal-FEI huma implimentati f'pajjiżi u minn pajjiżi li fihom is-sistemi ta' kontroll intern huma ġeneralment dgħajfa. In-nuqqas ta' kapaċità tal-parti l-kbira tal-Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizzaw f'pajjiżi benefiċjarji u d-dgħjufijiet fit-twaqqif u fl-applikazzjoni ta' proċeduri u kontrolli finanzjarji ta' organizzazzjonijiet u superviżuri li jimplimentaw jikkostitwixxi riskju kbir għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-fatt illi bosta siti tal-proġetti huma f'postijiet remoti flimkien u l-eżistenza ta' kunflitti f'ċerti reġjuni jżid wkoll id-diffikultà biex jitwettqu l-verifikazzjonijiet.

## IL-KAPITOLU I — L-IMPLIMENTAZZJONI TAT-TMIEN, ID-DISA' U L-GĦAXAR FEI

### L-implimentazzjoni finanzjarja

6. Fl-2009, it-tmien, id-disa' u l-għaxar FEI kienu implimentati flimkien. Kull ftehim tal-FEI ġeneralment jiġi konkluż għal perjodu ta' madwar ħames snin, fejn iċ-ċikli tal-ipprogrammar ġeneralment isegwu l-ftehim tas-sħubija/iċ-ċikli tal-konvenzjoni. Minkejja li l-fondi għal kull FEI huma impenjati fuq perjodu ta' ħames snin, il-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu itwal.

7. Il-kontribuzzjonijiet totali mill-Istati Membri ammontaw għal 3 296 miljun euro rċevuti fl-2009. Il-kontribuzzjonijiet għadhom qed jintalbu mid-disa' FEI.

8. L-għaxar FEI jkopri l-perjodu mill-2008 sal-2013. Jipprovdi għajjnuna għall-Komunità ta' 22 682 miljun euro u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008. Minn dan l-ammont, 21 966 miljun euro jiġu allokat li lill-pajjiżi tal-AKP u 286 miljun euro lill-OCTs. Dawn l-ammonti jinkludu 1 500 miljun euro u 30 miljun euro għall-Faċilità ta' Investiment ġestita mill-BEI għall-pajjiżi AKP u OCT rispettivament. Fl-aħħar nett, 430 miljun euro huma assenjati għan-nefqa tal-Kummissjoni għall-ipprogrammar u għall-implimentazzjoni tal-FEI.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

5. Il-FEŻ huwa mfassal biex jgħin pajjiżi li jkunu jinsabu, minħabba n-natura mfissha tagħhom, f'diffikultà, u l-linji politiċi dwar l-ghajjnuna għall-iżvilupp iridu jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali jassumu r-responsabbiltà għall-istrateġiji tal-iżvilupp. L-Uffiċjal Nazzjonali li Jawtorizza għandu sehem ewlieni f'dan il-proċess. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli, ilu għaddej għal għadd ta' snin programm ta' taħriġ imfassal apposta għall-impjegati fl-uffiċċji tal-Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizzaw.

6. Għalkemm kull FEŻ ikopri perjodu ta' madwar ħames snin, it-tweqqif ta' proġetti u programmi u l-pagamenti relatati magħhom jistgħu jkunu jkopru perjodu itwal li, madanakollu, huwa limitat mir-regolamenti.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9. It-**Tabella 2** turi l-użu kumulattiv ta' riżorsi tal-FEI ġestiti mill-Kummissjoni u l-implimentazzjoni finanzjarja tagħhom. Fl-2009, il-previżjonijiet tal-implimentazzjoni finanzjarja ffixxati mill-Kummissjoni għall-impenji globali, għall-impenji individwali u pagamenti kollha nqabżu, u laħqu 3 406 miljun euro għall-impenji globali u livell rekord ta' 4 140 miljun euro għall-impenji individwali. Il-pagamenti netti ammontaw għal 3 069 miljun euro li rrappreżentaw 92 % tal-previżjoni inizjali. Dan in-nuqqas huwa spjegat mill-pagamenti previsti hawn taħt f'pajjiżi soġġetti għall-proċeduri ta' konsultazzjoni stipulati fl-artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou jew miżuri ta' djalogo oħra <sup>(6)</sup>, il-pajjiżi li kienu għadhom ma rratifikawx il-Ftehim ta' Cotonou <sup>(7)</sup> u l-pajjiżi fejn il-pagamenti għas-sostenn baġitarju ma sarux, ma kienet ipprovduta ebda konferma dwar jekk il-kundizzjonijiet ġenerali jew speċifiċi kinux issodisfati <sup>(8)</sup>. Il-pagamenti pendenti żdiedu bi 3 %, li huwa raġonevoli, minħabba l-vojt bejn il-livell ta' impenji globali u l-pagamenti netti li ntlaħqu matul is-sena. Fl-istess ħin, pagamenti pendenti antiki u wieqfa żdiedu bi 23 %, li huwa spjegat mil-livell għoli ta' impenji globali li saru fl-2007 sabiex jintużaw il-bqija tar-riżorsi tad-disa' FEI, iżda li ma wasslux għall-istess livell ta' impenji individwali.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

9. Ir-riżultati eċċellenti miksubin fir-rigward tal-impenji globali u individwali huma xhieda tas-suċċess tal-linja politika adottata mill-Kummissjoni sabiex tgħaġġel it-twertiq tal-programm.

*Iż-żieda fil-pagamenti pendenti fl-2009 hija spjegata mil-livell partikularment għoli ta' impenji fl-2007 u miċ-ċiklu tal-proġetti tal-FEŻ, li jtul medja ta' tliet snin, li fih l-ikbar pagamenti ġeneralment isiru fl-ewwel sena u fi tmiem is-sena aħħarija.*

<sup>(6)</sup> Il-Madagaskar, il-Mawritanja, in-Niġer u l-Ginea Konakri.

<sup>(7)</sup> Is-Sudan u l-Ginea Ekwatorjali.

<sup>(8)</sup> Il-Malawi, il-Haiti, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Etjopja.

Tabella 2 — Użu kumulattiv tar-riżorsi tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2009

(miljuni ta' euro)

	Sitwazzjoni fi tmiem l-2008		Implimentazzjoni tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2009				Sitwazzjoni fi tmiem l-2009				
	Ammont globali	Rata ta' implimentazzjoni (%)	It-8 FEI (%)	Id-9 FEI (%)	L-10 FEI	Ammont globali	It-8 FEI	Id-9 FEI	L-10 FEI	Ammont globali	Rata ta' implimentazzjoni (%)
<b>A — RIŻORSI (1)</b>	<b>48 677,7</b>		0,8	1,0	66,6	<b>68,4</b>	10 786,7	16 632,8	21 326,7	<b>48 746,1</b>	
<b>B — UŻU</b>											
<b>1. Impenji finanzjarji</b>	<b>32 185,3</b>	<b>66,1 %</b>	- 41,7	- 53,8	3 501,0	<b>3 405,5</b>	10 744,4	16 579,0	8 267,4	<b>35 590,7</b>	<b>73,0 %</b>
<b>2. Impenji legali individwali</b>	<b>24 880,8</b>	<b>51,1 %</b>	- 41,8	997,4	3 184,1	<b>4 139,7</b>	10 499,1	15 206,8	3 314,5	<b>29 020,5</b>	<b>59,5 %</b>
<b>3. Pagamenti (4)</b>	<b>20 031,1</b>	<b>41,2 %</b>	152,1	1 805,8	1 111,4	<b>3 069,3</b>	10 082,4	11 816,9	1 201,1	<b>23 100,4</b>	<b>47,4 %</b>
<b>C — Pagamenti Pendenti (B1-B3)</b>	<b>12 154,1</b>	<b>25,0 %</b>					662,1	4 762,1	7 066,3	<b>12 490,3</b>	<b>25,6 %</b>
<b>D — Bilanċ disponibbli (A-B1)</b>	<b>16 492,5</b>	<b>33,9 %</b>					42,3	53,8	13 059,3	<b>13 155,4</b>	<b>27,0 %</b>

(1) Allokazzjonijiet inizjali għat-8, id-9 u l-10 FEI, kofinanzjament, interessi, riżorsi varji, trasferimenti minn FEI preċedenti u aġġustamenti tal-migrazzjoni

(2) Bħala perċentwal tar-riżorsi.

(3) Ammonti negattivi jikkorrispondu għad-diżimpenji.

(4) Pagamenti netti wara l-irkupri.

Sors: Il-Qorti tal-Awdituri, abbażi tar-Rapporti tal-FEI dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u r-rendikonti Finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2009.

---

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

---

**Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-tmien sad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp**

10. Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar FEI<sup>(9)</sup> jeħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-FEI. Fl-opinjoni tal-Qorti, ir-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja jippreżenta deskrizzjoni preċiża tal-ilħuq tal-objettivi operazzjonali tal-Kummissjoni għas-sena finanzjarja (b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u l-attivitajiet tal-kontroll), kif ukoll tas-sitwazzjoni finanzjarja u l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet imwettqa fl-2009.

---

<sup>(9)</sup> L-Artikoli 118 u 124.

## IL-KAPITOLU II — ID-DIKJARAZZJONI INDIPENDENTI TA' ASSIGURAZZJONI MILL-QORTI TAL-AWDITURI FUQ IL-FEI

### **Id-Dikjarazzjoni indipendenti ta' Assigurazzjoni mill-Qorti tal-Awdituri dwar it-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEI) għas-sena finanzjarja 2009**

I — Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 141 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar FEI, li japplika wkoll għall-FEI ta' qabel, il-Qorti vverifikat:

- (a) il-“Kontijiet annwali finali għas-sena finanzjarja 2009 tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fondi Ewropej għall-Iżvilupp” li jinkludu r-rendikonti finanzjarji konsolidati <sup>(10)</sup> u r-rapport konsolidat dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tat-tmien, id-disa' u l-għaxar FEI; u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fi ħdan il-qafas legali tal-FEI fir-rigward tal-parti tar-riżorsi tal-FEI li għall-ġestjoni finanzjarja tagħha hi responsabbli l-Kummissjoni <sup>(11)</sup>.

#### *Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

II — Skont ir-Regolamenti Finanzjarji applikabbli għat-tmien, id-disa' u l-għaxar FEI, il-maniġment <sup>(12)</sup> hu responsabbli għall-preparazzjoni u għall-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali finali tal-FEI u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltà tal-maniġment dwar il-kontijiet annwali finali tal-FEI tinkludi tfassil, implimentazzjoni u żamma ta' kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta ta' rendikonti finanzjarji li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew żball, għażla u applikazzjoni ta' politiki ta' kontabilità xierqa, abbażi tar-regoli ta' kontabilità adottati mill-uffiċjal ta' kontabilità tal-FEI <sup>(13)</sup>, u li jsiru stimi ta' kontabilità li huma raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Il-Kummissjoni tapprova l-kontijiet annwali finali tal-FEI.
- (b) Il-mod li bih il-maniġment jeżerċita r-responsabbiltà tiegħu għal legalità u regolarità ta' tranżazzjonijiet ta' bażi jiddependi fuq il-metodu ta' implimentazzjoni tal-FEI. Fil-każ ta' ġestjoni ċentralizzata u diretta, kompiti ta' implimentazzjoni jsiru mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. Taħt ġestjoni deċentralizzata kompiti ta' implimentazzjoni huma delegati lill-pajjiżi terzi u taħt ġestjoni ċentralizzata indiretta lil korpi oħra. Fil-każ ta' ġestjoni konġunta, kompiti ta' implimentazzjoni jinqasmu bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali. Kompiti ta' implimentazzjoni jridu jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, li jeħtieġ tfassil, implimentazzjoni u żamma ta' kontroll intern effettiv u effiċjenti li jinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa biex jipprevjeni irregolaritajiet u frodi u, jekk neċessarju, proċedimenti legali biex jirkupraw fondi mħallsa jew użati b'mod ħażin. Ikun xi jkun il-metodu ta' implimentazzjoni applikat, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma l-baży tal-kontijiet tal-FEI.

<sup>(10)</sup> Ir-rendikonti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta ta' bilanċ, ir-rendikont tar-riżultat ekonomiku, ir-rendikont ta' fluss ta' likwidità u t-tabella ta' oġġetti pagabbli lill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

<sup>(11)</sup> Skont l-Artikoli 2, 3, 4, 125(4) u 134 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar FEI din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni ma testendix għall-parti tar-riżorsi tal-FEI li huma ġestiti mill-BEI u li għalihom hu responsabbli.

<sup>(12)</sup> Fil-livell tal-Kummissjoni l-maniġment jinkludi l-Membri tal-Istituzzjoni, l-Uffiċjali li Jawtorizza minn delegazzjoni u sottodelegazzjoni, l-Uffiċjal tal-Kontabilità u l-persunal ewlieni ta' unitajiet ta' finanzi, verifika jew kontroll. Fil-livell ta' Stati Benefiċjarji, il-maniġment jinkludi Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizza, Uffiċjali ta' Kontabilità, Aġenti li Jħallsu u l-persunal ewlieni ta' organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni.

<sup>(13)</sup> Ir-regoli ta' kontabilità adottati mill-uffiċjal ta' kontabilità tal-FEI huma ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali ta' Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, Standards Internazzjonali ta' Kontabilità (IAS)/Standards Internazzjonali għall-Irrappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità. Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-“Rendikonti finanzjarji konsolidati” għas-sena finanzjarja 2009 huma ppreparati abbażi ta' dawn ir-regoli ta' kontabilità adottati mill-uffiċjal ta' kontabilità tal-FEI, li jadattaw il-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti għall-ambjent speċifiku tal-Komunitajiet, filwaqt li r-rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-FEI jkomplu jkunu bbażati primarjament fuq movimenti tal-flus kontanti.

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*

III — Ir-responsabbiltà tal-Qorti hi li ttiprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, lill-Parlament u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u l-INTOSAI. Dawn l-istandards jeħtieġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali finali tal-FEI humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi, meħuda b'mod globali, humiex legali u regolari.

IV — Fil-kuntest deskritt taħt il-paragrafu III, verifika tinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza ta' verifika dwar l-ammonti u l-informazzjoni mogħtija fil-kontijiet finali konsolidati u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-ewwelwazzjoni tal-awditur, li tinkludi evalwazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijiet finali konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEI, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta jagħmel dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, l-awditur jikkunsidra l-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet finali konsolidati, u s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati biex jassiguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jiffasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Verifika f'dan il-kuntest tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politika tal-kontabilità użata u tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni ġenerali tal-kontijiet finali konsolidati u r-rapporti ta' attività annwali.

V — Il-Qorti tikkunsidra li l-evidenza tal-verifika li nkisbet hija biżżejjed u xierqa biex ttiprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

VI — Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali finali tat-tmien, id-disa' u l-għaxar FEI jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2009, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-likwidità għas-sena finanzjarja li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità.

VII — Mingħajr ma tikkwalifika l-opinjoni espressa fil-paragrafu VI, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dikjarazzjoni anqas ta' garanziji rċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament u għal dikjarazzjoni iżjed tal-ammont ta' garanziji miżmuma murija fin-noti għar-rendikonti finanzjarji.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom ibbażati l-kontijiet**

VIII — Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul, l-impenji u l-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

IX — Mingħajr ma tixħet dubju fuq l-opinjoni espressa fil-paragrafu VIII, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-frekwenza għolja ta' żbalji mhux kwantifikabbli li jaffettwaw l-impenji u l-pagamenti għalkemm mhux inklużi fl-istima ta' żball totali.

X — Il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni huma parzjalment effettivi biex jipprevjenu jew isibu u jikkoreġu l-iżbalji.

Id-9 ta' Settembru 2010

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri  
12, rue Alcide De Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**INFORMAZZJONI TA' SOSTENN GĦAD-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI****L-ambitu u l-approċċ tal-verifika**

11. L-osservazzjonijiet dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEI, stabbiliti fil-paragrafi VI u VII tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, huma bbażati fuq verifika tar-rendikonti finanzjarji konsolidati<sup>(14)</sup> u r-rapport konsolidat dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tat-tmien, id-disa' u l-għaxar FEI<sup>(15)</sup>. Il-verifika kopriet firxa xierqa ta' proċeduri tal-verifika mfassla sabiex jeżaminaw, fuq bażi ta' testijiet, l-evidenza relatata mal-ammonti u l-informazzjoni mogħtija. Hija inkludiet valutazzjoni tal-prinċipji tal-kontabilità użati, l-estimi sinifikanti magħmula mill-ġestjoni u l-preżentazzjoni ġenerali tal-kontijiet konsolidati.

12. L-approċċ u l-metodoloġija tal-verifika ġenerali tal-Qorti fir-rigward ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet huma deskritti fil-Parti 2 tal-Anness 1.1 tal-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali tal-2009 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. L-osservazzjonijiet dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-FEI, stabbiliti fil-paragrafi VII sa X tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, huma bbażati fuq il-komponenti li ġejjin:

- (a) ittestjar sostantiv ta' kampjun statistiku rappreżentattiv ta' 220 element, li jikkorrispondu għal 50 impenn finanzjarju u individwali u 170 pagament interim u finali li saru mis-servizzi ċentrali tal-EuropeAid u d-Delegazzjonijiet. Fejn kien neċessarju, l-organizzazzjonijiet implimentattivi u l-benefiċjarji finali ġew miżjura fuq il-post sabiex jiġu vverifikati l-pagamenti ta' baży ddikjarati fir-rapporti finanzjarji jew fir-rendikonti tal-ispejjeż;
- (b) valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fis-servizzi ċentrali tal-EuropeAid u fid-Delegazzjonijiet; din kopriet l-elementi li ġejjin:
  - (i). kontrolli *ex-ante* ta' kuntratti u pagamenti mill-uffiċjali li jawtorizzaw, inklużi l-Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizzaw,
  - (ii). monitoraġġ u sorveljanza,
  - (iii). verifiki esterni,
  - (iv). verifika interna;
- (c) segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti huwa miġbur fil-qosor fl-**Anness 4**.

<sup>(14)</sup> Ara l-Artikolu 122 tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Frar 2008 applikabbli għall-għaxar FEI: "ir-rendikonti finanzjarji għandhom jinkludu l-karta tal-bilanċ, id-dikjarazzjoni tar-riżultat ekonomiku, id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tal-flus u t-tabella tal-elementi pagabbli lill-FEI".

<sup>(15)</sup> Ara l-Artikolu 123 tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Frar 2008 applikabbli għall-għaxar FEI: "ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għandhom jinkludu tabelli li jiddeskrivu l-approprijazzjonijiet, l-impenni u l-pagamenti".

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**L-affidabbiltà tal-kontijiet**

13. Il-Qorti tikkonkludi li l-kontijiet tal-FEI għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEI u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-likwidità tagħhom għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità.

14. Il-kontijiet annwali tal-2009 tal-FEI huma l-ewwel sett ta' kontijiet ippreparati bl-użu tas-sistema l-ġdida ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti ABAC FED (l-istess sistema użata għall-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea). Ġiet implimentata fi Frar 2009 wara li l-proċess tal-migrazzjoni mis-sistema preċedenti tal-kontabilità bbażata fuq il-flus (OLAS) kien intemm b'suċċess. Is-sistema l-ġdida ssostni aktar ir-rappurtar ibbażat fuq id-dovuti, pereżempju, billi tnaqqas in-numru ta' aġġustamenti manwali meħtieġa biex jinkisbu kontijiet ibbażati fuq id-dovuti fi tmiem is-sena. Għalhekk, l-ABAC-FED saħħet l-ambjent tal-kontabilità.

15. Il-kontrolli *ex-post* tal-EuropeAid identifikaw żieda fil-frekwenza ta' żbalji tal-ikkodifikar<sup>(16)</sup>. Filwaqt li l-verifika tal-Qorti tar-rendikonti finanzjarji ma żvelatx żball materjali minħabba tali żbalji, dawn jibqgħu sors ta' tħassib peress li jistgħu jaffettwaw il-preċiżjoni tad-*data* użata għall-preparazzjoni tal-kontijiet annwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżerċizzju tal-qtugħ fi tmiem is-sena.

16. Kif imħabbar fir-risposta tagħha għar-Rapport Annwali tal-2008 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-FEI<sup>(17)</sup>, il-Kummissjoni rfinat il-metodu tagħha li tistma l-provvediment għall-fatturi li għandhom jiġu rċevuti. Il-verifika tal-Qorti kkonfermat l-applikazzjoni korretta ta' dan il-metodu u sabet l-ammont tal-ispejjeż akkumulati żvelati fir-rendikonti finanzjarji ħielsa minn żbalji materjali.

17. In-Nota 2.2 dwar ir-rendikonti finanzjarji fir-rigward tal-ammont "kontinwu" ta' garanziji rċevuti dwar il-finanzjament minn qabel tinkludi ammont ta' 413,6 miljun euro fi tmiem l-2009. Il-Qorti kkonkludiet li dan l-ammont ġie ddikjarat inqas bi 82,3 miljun euro, jew 19,9 %.

15. *F'ċerti każijiet il-migrazzjoni lejn sistema ġdida tal-IT għall-ġestjoni tal-proġetti setgħet ikkaġunat konfużjoni fil-kitba tad-dati bil-kodiċi. Il-EuropeAid organizzat għadd kbir ta' korsijiet ta' taħriġ f'Delegazzjonijiet u fi kwartieri ġenerali biex ittejjeb l-użu ta' din is-sistema.*

*Fi tmiem l-2009 s-servizzi ċentrali tal-EuropeAid taw bidu wkoll għal dipartiment li jimmoniterja l-kwalità tal-informazzjoni miktuba bil-kodiċi fil-CRIS, u dan għandu jkompli jtejjeb l-affidabbiltà tad-dejta użata biex jittejjew il-kontijiet annwali.*

*Kif tosserva l-Qorti, dan ma kellu l-ebda impatt materjali fuq il-kontijiet annwali.*

17. *Il-Kummissjoni taċċetta din l-osservazzjoni u l-Uffiċjal li Jawtorizza rreġistra t-tiswijiet meħtieġin fl-2010.*

*Il-Kummissjoni tinnota li l-Qorti sabet żball wieħed ta' 3.5 miljun ewro li ġie identifikat f'kampjun ta' 39 kuntratt li ġie estrapolat.*

<sup>(16)</sup> Pereżempju: it-tip ta' kuntratt, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-kuntratt.

<sup>(17)</sup> Il-paragrafu 15 (ĠU C 269, 10.11.2009).

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

18. L-ammont ta' garanziji miżmuma żvelati fin-nota 5.1 mar-rendikonti finanzjarji kien ta' 186,2 miljun euro fi tmiem l-2009. Il-Qorti kkonkludiet li dan l-ammont ġie ddikjarat iżjed bi 58,4 miljun euro, jew 31,4 %.

**Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

19. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet huma miġbura fil-qosor fl-**Anness I**.

*Id-dħul*

20. Il-verifika tal-Qorti tat-tranżazzjonijiet tad-dħul ma sabitx żbalji materjali.

*L-impenji*

21. Il-verifika tal-Qorti dwar l-impenji ma sabitx żbalji materjali iżda frekwenza sinifikanti ta' żbalji mhux kwantifikabbli. L-iżbalji misjuba kkonċernaw il-konformità mar-regoli tas-sejħiet għall-offerti, skadenzi legali għall-firem tal-kuntratti u d-dispożizzjonijiet rigward il-garanziji obbligatorji. Fir-rigward ta' impenji tas-sostenn għall-baġit; il-Qorti sabet li, fil-kuntest tal-interpretazzjoni dinamika tal-Kummissjoni<sup>(18)</sup>, il-EuropeAid wera b'mod formalizzat u strutturat konformità mar-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Cotonou.

*Il-pagamenti*

22. Il-verifika tal-Qorti tal-pagamenti ma sabitx żbalji materjali<sup>(19)</sup>. Madankollu, sabet xi żbalji li ġew analizzati fil-paragrafi 23 sa 25.

**Il-pagamenti tal-proġetti**

23. It-tipi prinċipali ta' żbalji kwantifikabbli misjuba fil-pagamenti tal-proġetti kienu dawn li ġejjin:

- (a) ta' preċiżjoni: żbalji ta' kalkolu;
- (b) ta' okkorrenza: nuqqas ta' fatturi jew dokumenti ta' sostenn oħra għal servizzi li ngħataw jew oġġetti pprovduti;
- (c) ta' eliġibbiltà: nefqa mġarrba barra mill-perjodu ta' implementazzjoni jew relatata ma' elementi mhux previsti fil-kuntratt, pagament mhux dovut tal-VAT jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-penali obbligatorji.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**18.** *Il-Kummissjoni taċċetta l-osservazzjoni, iżda tinnota li l-Qorti sabet żball wieħed li ġie identifikat f'kampjun ta' 39 kuntratt li ġie estrapolat.*

**21.** *Il-Kummissjoni tixtieq tisħaq li ma sar l-ebda pagament mingħajr il-kopertura ta' garanziji finanzjarji. Il-Kummissjoni tilqa' tajjeb is-sejba li l-eliġibbiltà għas-sostenn tal-baġit intweriet b'mod formalizzat u strutturat.*

<sup>(18)</sup> Ara l-paragrafi 28 u 29 tar-Rapport Speċjali Nru 2/2005 rigward għajjnuna mill-baġit tal-FEI lill-pajjiżi AKP (ĠU C 249, 7.10.2005).

<sup>(19)</sup> Il-Qorti tiffissa l-limitu ta' materjalità għal 2 %.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

24. L-iżbalji mhux kwantifikabbli kkonċernaw prinċipalment nuqqas ta' konformità ma' regoli applikabbli fuq garanziji tal-bank, li jista' jkollhom impatt finanzjarju fil-każ ta' insolvenza tal-kuntrattur, u kalkoli inkorretti tar-rimborż ta' pagamenti bil-quddiem minn kuntratturi.

**Il-pagamenti ta' sostenn tal-baġit**

25. Il-verifika tal-Qorti tal-pagamenti ta' sostenn tal-baġit sabet li kienu milquta minn livell għoli ta' żbalji mhux kwantifikabbli minħabba nuqqas ta' dimostrazzjoni formalizzata u strutturata tal-konformità mal-kundizzjonijiet tal-pagament. L-ispjegazzjoni prinċipali kienet li r-rapporti tal-valutazzjoni tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tad-Delegazzjonijiet ma spjegatx il-kriterji li fuqhom kellu jiġi vvalutat il-progress (jiġifieri l-passi li kellhom jittieħdu u r-riżultati miksuba matul il-perjodu kkonċernat), il-progress li sar u r-raġunijiet għalfejn il-programm ta' riforma seta' ma ġiex implimentat skont il-pjan tal-Gvern benefiċjarju. Madankollu, tali żbalji prinċipalment affettwaw il-pagamenti li saru taħt id-disa' ftehimiet tal-finanzjament tal-FEI (li ma pprovdewx qafas ċar ta' valutazzjoni) u pagamenti ta' sostenn tal-baġit addizzjonali li saru taħt il-faċilità FLEX tal-Vulnerabbiltà (V) u l-Envelop B (għajnuna għall-emerġenza) biex jikkompensaw għall-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi finanzjarja globali u prezziżjiet tal-ikel li dejjem jogħlew. Minbarra f'każ wieħed, il-pagamenti li saru taħt l-għaxar ftehimiet tal-finanzjament tal-FEI ma ġewx affettwati minn tali żbalji (ara l-paragrafu 32).

**L-effettività tas-sistemi**

26. Ir-riżultati tal-eżami tas-sistemi huma miġbura fl-**Anness 2**.

27. Kif iddikjarat fil-paragrafu 3, il-missjoni tal-EuropeAid hija li timplimenta l-maġġoranza tal-istrumenti tal-għajnuna esterna<sup>(20)</sup> ffinanzjata mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u tal-FEI. Għaldaqstant, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, l-osservazzjonijiet tal-Qorti li jkkonċernaw kemm l-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll u kif ukoll l-affidabbiltà tar-rapport ta' attività annwali u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali jirreferu għall-qasam kollu ta' responsabbiltà tal-EuropeAid.

28. Kollox ma' kollox, il-Qorti vvalutat is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-EuropeAid bħala parzjalment effettivi.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

24. Il-Kummissjoni tixtieq tosserva li l-iżbalji kollha fil-kalkulazzjoni tar-rimborż tal-flus imħallsin bil-quddiem ġew irrettifikati qabel it-tmiem tal-kuntratt.

25. Il-Kummissjoni tilqa' tajjeb l-osservazzjoni li titjib sostanzjali fit-turija tal-eliġibbiltà tista' tidher ċar taħt l-10 FEŻ b'riżultat ta' oqfsa ta' valutazzjoni aktar ċari li issa qed jintużaw bħala rutina.

Sabiex tirfed dan it-titjib u twarrab tali żbalji, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tkompli ssaħħaħ il-metodu strukturat biex jintwera l-progress fil-ġestjoni finanzjarja pubblika. Għaldaqstant, il-Kummissjoni żviluppat qafas rivedut għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ tal-progress fil-ġestjoni finanzjarja pubblika li jiffoka fuq ir-riżultati miksubin meta mqabblin mal-aspettattivi bażiċi tal-bidu. Il-format rivedut ġie ffinalizzat f'Ġunju 2010 u r-rapporti pajjiż b'pajjiż li jużaw dan il-metodu rivedut se jkun l-bażi li fuqha se tiġi vvalutata l-eliġibbiltà għall-pagamenti għall-bqija tal-2010 u wara. B'dan l-isfond, il-Kummissjoni tistenna li tkun fpożizzjoni li turi titjib kontinwat fil-livell ta' żbalji mhux kwantifikabbli relatati ma' din il-kwistjoni fl-eżerċizzji tad-DAS fil-ġejjieni.

Għall-istrumenti ta' emerġenza li saret referenza għalihom (il-Mekkaniżmu FLEX dwar il-vulnerabbiltà (V) u l-Envelop B) il-Kummissjoni ħadmet b'metodu rigoruż biex tivvaluta l-eliġibbiltà, kif mixhud minn għadd ta' programmi bħal dawn fejn il-pagamenti ma sarux.

28. Il-EuropeAid fasslet il-kontrolli tagħha biex tkopri l-perjodu sħiħ tal-proġetti multiannwali tagħha. Hija temmen li dawn is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll huma effettivi u tjebru b'mod sinifikanti sena wara sena, kif rifless fiż-żieda fil-proporzjon tal-pagamenti għal kollox regolari li l-Qorti sabet fil-kampjun tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-Qorti fis-snin li għaddeu twettqu u ħafna minn dan it-titjib ġie rrikonoxxut mill-Qorti u wassal biex elementi sinifikattivi tas-sistemi ewlenin ta' kontroll jiġu ġġudikati bħala "effettivi".

<sup>(20)</sup> Ħlief għall-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, l-għajnuna lill-Balkani tal-Punent, l-għajnuna umanitarja, l-għajnuna makrofinanzjarja, il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (CFSP) u l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Kontrolli ex-ante***Is-servizzi ċentrali tal-EuropeAid**

29. Il-Qorti vvalutat il-kontrolli *ex-ante* mill-uffiċjali li jawtorizzaw fis-servizzi ċentrali tal-EuropeAid bħala effettivi.

**Id-delegazzjonijiet**

30. Il-Qorti vvalutat il-kontrolli *ex-ante* mill-uffiċjali li jawtorizzaw fid-Delegazzjonijiet bħala parzjalment effettivi fis-sejba u fil-korrezzjoni ta' żbalji.

31. Fir-rigward ta' pagamenti ta' proġetti, instabu dgħufijiet fil-kontrolli mwettqa dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa, il-kalkolu tal-ammonti kklejmjati u d-disponibbiltà tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa.

32. Fir-rigward tas-sostenn għall-baġit, il-verifika tal-Qorti kkonfermat it-titjib innutat fir-Rapport Annwali tagħha tal-2008 dwar il-FEI <sup>(21)</sup>. L-għaxar ftehimiet tal-finanzjament tal-FEI jipprovdu oqsfa aktar ċari għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà ġenerali. Fir-rigward tal-kriterju tal-eliġibbiltà tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-ftehimiet tal-finanzjament jirreferu għal skemi tal-valutazzjoni miftehma bejn il-Gvernijiet, il-Kummissjoni u donaturi oħra. Dawn jinkludu Oqsfa tal-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni li għandhom jintużaw fil-kuntest ta' reviżjonijiet tas-sostenn tal-baġit annwali konġunt. L-applikazzjoni ta' tali oqsfa għat-twaqqif ta' objettivi ta' prijorità, skedi taż-żmien u s-sorsi ta' informazzjoni li għandhom jintużaw tiffaċilita valutazzjonijiet formalizzati u strutturati tal-progress u għalhekk tippromwovi t-trasparenza tad-deċiżjonijiet tal-ħlas. Madankollu, il-kundizzjonijiet speċifiċi relatati mal-ħlas ibbażat fuq il-prestazzjoni ta' porzjonijiet varjabbli spiss ma jkunux ċari b'mod suffiċjenti fir-rigward ta' valuri tal-mira għal indikaturi, sorsi tal-verifikazzjoni u metodi tal-kalkolu; dan jista' jaffettwa t-trasparenza tad-deċiżjonijiet tal-ħlas.

33. Titjib ieħor innutat fl-2009 kien l-introduzzjoni tal-Kummissjoni ta' gwida ġdida dwar is-sostenn tal-baġit għal stati fraġli, li jeħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti elementi bażiċi ħafna fir-rigward tas-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi qabel ma jkun jista' jingħata sostenn tal-baġit. Il-Kummissjoni waqqfet ukoll ċirkuwitu finanzjarju modifikat li jstabbilixxi sekwenza aktar loġika għall-kontrolli finanzjarji u operazzjonali fil-proċess ta' approvazzjoni tal-pagamenti.

30. Il-Kummissjoni tagħti taħriġ kontinwu lill-istaff fil-kwartieri ġenerali u fid-Delegazzjonijiet bħala parti minn programm estensiv ta' taħriġ imfassal skont il-ħtiġijiet tal-ġestjoni tal-għajnuna esterna.

32. Il-Kummissjoni tilqa' tajjeb ir-rikonoxximent mill-Qorti ta' titjib sostanzjali fiċ-ċarezza tal-oqfsa tal-valutazzjoni għall-kundizzjonijiet ġenerali għall-eliġibbiltà.

Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza ta' ċarezza simili għal kundizzjonijiet speċifiċi u għal pagamenti msejsin fuq ir-riżultati miksubin. Fejn xieraq, il-Kummissjoni qed tfittex li tindirizza b'mod formali l-osservazzjonijiet magħmulin mill-Qorti f'dan ir-rigward permezz ta' reviżjonijiet tal-Ftehimiet ta' Finanzjament rispettivi. Fl-istess ħin, din il-kwistjoni qed tingħatalha attenzjoni aktar mill-qrib matul il-proċess tal-valutazzjoni inter pares tal-EuropeAid (Grupp ta' Sostenn għall-Kwalità) għall-kunsiderazzjoni ta' programmi ġodda.

33. Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent mill-Qorti ta' dawn iż-żewġ kontributi importanti biex jiġi żgurat li s-sostenn tal-baġit jingħata b'mod aktar strutturat u formalizzat.

<sup>(21)</sup> Il-paragrafu 46.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Monitoraġġ u superviżjoni***Delegazzjonijiet**

34. Il-Qorti vvalutat il-monitoraġġ u s-sorveljanza mid-Delegazzjonijiet bħala parzjalment effettivi.

35. Bħal fis-snin preċedenti, il-Qorti sabet li n-nuqqas ta' kapaċità tal-parti l-kbira tal-Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizzaw (NAO) fil-pajjiżi beneficijarji rriżultat f'kontrolli b'dokumentazzjoni fqira u ineffettivi. Id-Delegazzjonijiet spiss jipprovdu assistenza teknika biex isaħħu din il-kapaċità, iżda ta' sikwit ikollhom riżultati limitati, jew minħabba li l-Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizzaw ma jwettqux il-kompiti tagħhom b'mod adegwat jew minħabba l-limitazzjonijiet tar-riżorsi jew rati għoljin ta' ċaqliq tal-persunal.

36. Il-verifika tal-Qorti sabet ukoll nuqqasijiet fil-proċeduri u fil-kontrolli finanzjarji istitwiti mill-organizzazzjonijiet u mis-superviżuri tal-implimentazzjoni:

(a) kontrolli dgħajfa tal-eliġibbiltà tan-nefqa, l-arkivjar u l-ħarsien inadegwati tad-dokumenti ta' sostenn, kontrolli tal-kontabilità dgħajfa li ma jiżgurawx li n-nefqa hija rreġistrata u rrapportata tajjeb jew li ma jevitawx milli jsiru żbalji aritmetiċi;

(b) għal ċerti kuntratti ta' xogħol, kontrolli inadegwati tas-superviżur tal-fatturi tal-kuntratturi.

37. B'mod ġenerali, id-Delegazzjonijiet kienu konxji minn dawn in-nuqqasijiet u kienu qağhdu fuq dawn il-kontrolli b'mod limitat, pereżempju billi wettqu mill-ġdid ċerti kontrolli, billi eżiġew verifiki mandatorji u bbażati fuq ir-riskju jew verifikazzjonijiet tan-nefqa qabel l-għeluq finanzjarju tal-proġetti, jew billi kkummissjonaw verifiki tekniċi ta' kuntratti tax-xogħol li kienu għadhom għaddejjin. Madankollu, id-Delegazzjonijiet huma soġġetti għal limitazzjonijiet tar-riżorsi li spiss jillimitaw il-kapaċità tagħhom biex iwettqu ċerti attivitajiet, bħall-monitoraġġ tal-proġett fuq il-post, it-taħriġ u s-sostenn għall-ġestjoni tal-proġett.

**Is-servizzi ċentrali tal-EuropeAid**

38. Il-Qorti vvalutat il-monitoraġġ u s-sorveljanza mis-servizzi ċentrali tal-EuropeAid bħala effettivi.

35. Minbarra l-appoġġ u l-assistenza teknika pprovdata mid-Delegazzjonijiet lill-Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizzaw, kull sena l-EuropeAid jaġhti għadd kbir ta' korsijiet ta' taħriġ lill-istaff fl-uffiċċji tal-Uffiċjali Nazzjonali li Jawtorizzaw u ta' ministeri speċjalizzati. Tagħrif estensiv dwar il-proċeduri huwa disponibbli wkoll fis-sit tal-EuropeAid fuq l-Internet.

36. Il-Kummissjoni tinnota li l-għodod tal-kontroll u l-proċeduri stabbiliti fl-aħħar snin qed jaġhtu l-frott. Madanakollu, twieġhed li tissokta bl-isforzi tagħha biex tħarreġ lill-istaff u biex ixxerred tagħrif dwar l-għodod tal-ġestjoni u tal-kontroll.

(a) Il-Kummissjoni tistenna li l-kitt għall-għodda għall-Amministrazzjoni tal-Finanzi għall-benefiċjarji jsir disponibbli lejn tmiem l-2010. L-iskop ewlieni tal-kitt għall-għodda ggħall-Amministrazzjoni tal-Finanzi huwa li jipprovdi gwida Prattika bażika fsura li faċli tużaha sabiex il-benefiċjarji jiġu meġhjunin jikkonformaw mar-regoli tal-ġestjoni finanzjarja fl-azzjonijiet ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-KE.

37. Id-Delegazzjonijiet jaġhmlu għadd kbir ta' kontrolli addizzjonali sabiex jaġhmlu tajjeb għad-dgħufijiet tad-Dipartimenti Nazzjonali li Jawtorizzaw.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

39. Il-verifiki meħtieġa skont il-ftehim ta' kuntratt qafas jipprovdu informazzjoni ta' valur dwar id-dgħjufijiet li jaffettwaw is-sistemi tal-kontroll tal-proġetti u dwar il-livell u n-natura ta' nefqiet potenzjalment mhux eliġibbli. Is-servizzi ċentrali tal-EuropeAid janalizzaw dawn ir-riżultati annwalment u jseguw s-sejbiet rikorrenti mal-organizzazzjonijiet implimentattivi; dawn jinkludu dokumentazzjoni nieqsa jew mhux adegwata u l-użu ta' proċeduri ta' akkwist inkorretti. B'mod partikolari, is-servizzi ċentrali tal-EuropeAid huma fil-proċess li jżviluppaw sett ta' għodod għall-ġestjoni finanzjarja, li jimmira li tindirizza x'jikkawża l-iżbalji billi jżid l-għarfien u l-fehma dwar regoli tal-ġestjoni finanzjarja permezz ta' dawn l-organizzazzjonijiet implimentattivi. Fl-2009 s-servizzi ċentrali tal-EuropeAid wettqu 14-il missjoni ta' verifika. Barra minn hekk, id-Direttorati ġeografiċi għamlu ż-żjarat tagħhom stess lid-Delegazzjonijiet fuq inizjattiva tagħhom stess. Dawn kollha rriżultaw f'taħriġ u sostenn utli kif ukoll rakkomandazzjonijiet rilevanti għat-titjib tal-kontroll intern fid-Delegazzjonijiet eżaminati.

40. L-analiżi tas-servizzi ċentrali tal-EuropeAid tar-Rapporti tal-Ġestjoni tal-Għajjuna Esterna biannwali tad-Delegazzjonijiet tindika li ċ-ċaqliq u d-diffikultajiet kbar fis-sejbien tal-persunal bil-kompetenza xierqa, speċjalment għal pajjiżi fraġli, kienu l-aktar ostakoli komuni għall-implimentazzjoni effettiva tal-għajjuna. Ir-rati ta' karigi battala fid-Delegazzjonijiet ġew inklużi fir-reġistru ta' riskju tal-EuropeAid bħala riskju kritiku għall-2010.

41. Is-servizzi ċentrali tal-EuropeAid jissorveljaw kwistjonijiet ta' konformità permezz ta' kontrolli *ex-post* tat-tranżazzjonijiet. Fl-2009 huma ddeċidew li jespandu l-ambitu ta' dawn il-kontrolli biex ikopru l-konformità mal-ftehimiet tal-finanzjament u l-proċeduri tal-kuntratti b'effett mill-2010. Barra minn dan, il-EuropeAid beħsiebha twettaq reviżjoni ġenerali tal-approċċ tagħha fl-2010 biex tesplora modi biex tkompli ttejjeb ir-relevanza u l-effettività ta' tali kontrolli fir-rigward tal-eżami tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-kwalità ta' kontrolli *ex-ante* mwettqa mill-uffiċjali li jawtorizzaw.

### Verifiki esterni

42. Il-Qorti vvalutat il-verifiki esterni bħala effettivi fir-rigward tas-servizzi ċentrali tal-EuropeAid, u parzjalment effettivi fir-rigward tad-Delegazzjonijiet.

43. Il-verifika tal-Qorti sabet li l-ġestjoni tal-verifiki esterni ttejjeb b'mod sinifikanti fl-2009. Il-pjanijiet tal-verifika annwali ġew preparati fuq il-baży ta' valutazzjonijiet tar-riskji strutturati mwettqa skont il-linji gwida tal-EuropeAid. Il-verifiki ġew imwettqa f'waqthom, u r-rata ta' implimentazzjoni tal-pjan tal-verifika annwali konsolidat ttejjeb meta mqabbel mas-snin preċedenti.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

39. Il-Kummissjoni tieħu gost bil-fatt li l-Qorti tapprezza l-miżuri meħudin mill-EuropeAid meta segwa eżerċizzji ta' awditjar u wettaq misjonijiet ta' monitoraġġ.

40. F'sitwazzjoni fejn sal-2013 mhu jsir l-ebda tkabbir rigward il-karigi fil-Kummissjoni, il-EuropeAid qed jindirizza l-kwistjonijiet relatati mal-mili ta' postijiet fid-Delegazzjonijiet b'linja politika attiva dwar ir-riżorsi umani fil-limiti tal-kompetenzi tiegħu. Il-kwistjoni tal-postijiet battala tikkonċerna primarjament lill-aġenti kuntrattwali; id-diffikultà mhix il-bdil spiss tal-persunal bħala tali iżda aktar il-kwistjoni tas-sejbien ta' nies bil-kompetenzi xerqin. L-għażla tagħhom, li qabel kienet ġestita mill-kwartieri ġenerali, issa ġiet iddelegata lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet sabiex dan il-proċess twil jitqassar. Fl-istess ħin, il-EuropeAid għadu jitlob listi regolari ġodda ta' riżerva b'għadd adegwat ta' kandidati sabiex ikun possibbli li jsiru ingaġġi għall-profilu kollha u għal kull kategorija ta' pajjiż.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

44. It-termini ġodda ta' referenza, adottati f'Ottubru 2007, ġew użati b'mod xieraq, biex b'hekk ippromovew approċċ ta' verifika aktar standardizzata. Fil-każijiet eżaminati mill-Qorti, kienu ttieħdu azzjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-verifika, b'mod partikolari fir-rigward tal-korrezzjoni finanzjarja ta' ammonti ineliġibbli permezz ta' rkupri jew tnaqqis minn pagamenti sussegwenti jew finali. Madankollu, l-effett sħiħ tat-termini mtejba ta' referenza kien għadu mhux viżibbli fl-2009 peress li bosta rapporti tal-verifika finali kienu għadhom ibbażati fuq it-termini preċedenti ta' referenza, li kienu inqas preċiżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kliem tal-opinjoni tal-verifika.

45. Għad hemm bosta oqsma fejn hu meħtieġ titjib. Il-limitazzjonijiet tal-persunal fid-Delegazzjonijiet jillimitaw il-kapaċità tagħhom biex ivaraw verifiki bbażati fuq ir-riskju, u l-prijorità tingħata lil verifiki obbligatori. Huma għandhom ukoll impatt negattiv fuq it-tul tal-proċess tal-approvazzjoni tal-verifika, li jinvolvi riskju li n-nefqa ineliġibbli ma tkunx tista' tiġi rkuprata.

46. Il-Verifika CRIS żiedet il-kapaċità tal-EuropeAid biex tissorvelja l-attivitàjiet tal-verifika, kif ukoll tiġbor, tanalizza u taġixxi fuq is-sejbiet tal-verifika u r-rakkomandazzjonijiet. Madankollu, bħal fis-snin preċedenti<sup>(22)</sup>, u minkejja tfakkiriet mis-servizzi ċentrali u linji gwida aġġornati tal-EuropeAid, mhux id-Delegazzjonijiet kollha jirreġistraw id-data f'waqt u b'mod sħiħ; dan jaffettwa l-affidabbiltà tad-data miġbura użata bħala informazzjoni tal-ġestjoni, bħan-natura tal-opinjoni tal-verifika u r-rati ta' nefqa ineliġibbli. Barra minn hekk, il-Verifika CRIS mhux dejjem tippovdi data preċiża dwar kemm iqumu l-verifiki, u lanqas mhi mfassla biex tippovdi informazzjoni fir-rigward ta' korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa bħala r-riżultat tal-verifiki. B'riżultat ta' dan, il-EuropeAid għadha ma tagħmilx użu sħiħ mill-potenzjal ta' din l-għodda, b'mod partikolari biex tiżgura li l-istrateġija tal-verifika tagħha hija ekonomika.

## Verifika Interna

47. Il-Qorti vvalutat il-verifika interna bħala parzjalment effettiva.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

44. Aktar minn 95 % tar-rapporti ta' awditjar tal-2009 mill-kuntratturi tal-oqfsa ġew ippreżentati fil-format "ta' wara l-1el ta' Ottubru 2007", meta mqabbel ma' madwar 40 % fl-2008. (ara nota AAR 38 ta' qiegħ il-paġna fit-taqsimha 3.1.2.1.2.)

45. Filwaqt li huwa minnu li r-restrizzjonijiet biex jimtlew il-postijiet battala jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq it-tul tal-proċess tal-moġhdija mill-awditjar, il-maġġoranza l-kbira tar-rapporti tal-awditjar iridu jaslu qabel ma l-Kummissjoni tagħmel il-pagament aħħari u għalhekk ir-riskju li l-fondi jsiru irrikoverabbli huwa limitat bil-kbir.

Fl-2009 l-EuropeAid issokta bl-isforzi tiegħu fil-qasam tal-awditjar u għamel sitt korsijiet tat-taħriġ dwar il-FEŻ li koprew 15-il Delegazzjoni u li għalihom attendew 180 membru tal-istaff tad-Delegazzjonijiet u 220 staff barrani (staff mill-uffiċċji ta' Uffiċjali li Jawtorizzaw, ta' ministeri, ta' manijers tal-proġetti, ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ta' ditti tal-awditjar).

46. Id-Delegazzjonijiet jiġu mfakkrin b'mod regolari, inkluż waqt seminars u taħriġ dwar l-awditjar, dwar il-ħtieġa li r-rekords tal-Awditjar tal-CRIS jiġu aġġornati fil-ħin. Minn Frar 2010 l-hawn, kulmeta jiġi ffirmat kuntratt għal eżerċizzju ta' awditjar (Kuntratt tal-CRIS), id-data tal-firma tiġi ttrasferita awtomatikament lill-Awditjar tal-CRIS. Barra minn hekk, l-iskrin il-ġdid tar-riżultati issa huwa aktar komplut u aktar faċli biex timlieh, u eżerċizzju ta' awditjar ma jistax jingħalaq qabel ma tkun kompluta din il-parti. Dan jinkludi l-opinjoni dwar l-awditjar u l-ammont tan-nefqa mhux eliġibbli. It-tagħrif dwar l-ordinijiet ta' rkupru maħruġin b'riżultat tal-eżerċizzji tal-awditjar huwa inkluż fil-modulu tal-Ordni ta' Rkupru tal-CRIS. Jista' jiġi kkunsidrat xi titjib bil-ħsieb li jsir konsolidament, iżda dan ikun jitlob aktar żviluppi tal-IT. Huwa disponibbli tagħrif dwar l-ammont tan-nefqa mhux eliġibbli finali misjuba u msewwiġja fil-mument tal-pagament. Fl-2009 dan kien jirrappreżenta 0.7 % tal-ammonti fatturati.

47. Il-Kummissjoni tqis li l-awditjar intern tal-AIDCO, minkejja t-tħarbit tal-kapaċità operattiva tiegħu fl-2009, kienet effettiva matul dik is-sena. Minkejja l-fatt li l-kariga ta' Kap tal-Unità IAC kienet battala bejn l-1 ta' Lulju u l-15 ta' Novembru, l-unità ffinalizzata 9 eżerċizzji ta' awditjar ta' segwitu (meta mqabblin mat-8 li kienu ppjanati). Rigward l-eżerċizzji ġodda ta' awditjar, mill-erbgħa ppjanati għall-2009, fl-2009 ġew ippreżentati rapport finali ta' awditjar wieħed u żewġ abbozzi ta' rapporti ta' awditjar (ekwivalenti għal 85 % ta' rapport finali ta' awditjar skont il-metodoloġija tal-IAS).

<sup>(22)</sup> Il-paragrafu 39 tar-Rapport Annwali 2008 dwar il-FEI.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

48. Il-Kapaċità tal-Verifika Interna (IAC) operat b'konformità mal-oġġettivi tagħha li tipprovdi assigurazzjoni lid-Direttur Ġenerali fir-rigward tal-effettività u l-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll u l-proċessi interni tat-tmexxija. Madankollu, il-kapaċità operazzjonali tagħha ġiet interrotta b'mod sinifikanti minħabba n-nuqqas ta' persunal lil hinn mill-kontroll tagħha, inkluża l-assenza tal-Kap tal-Unità għall-biċċa l-kbira tas-sena. Għal dawn ir-raġunijiet, l-IAC ma kinitx kapaċi bis-sih li timplimenta l-pjan tax-xogħol tagħha tal-2009. Fir-rapport tagħha dwar it-tieni verifika ta' segwitu fuq il-validazzjoni tal-valutazzjoni personali tal-IAC tal-EuropeAid, is-Servizz tal-Verifika Interna (IAS) reġa' semma' l-ammont sinifikanti ta' żmien meħtieġ għall-ġestjoni tal-EuropeAid biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-IAC.

*L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni*

49. Ir-riżultati tar-reviżjoni tar-rappreżentazzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni huma miġbura fil-qosor fl-**Anness 3**.

50. Ir-rapport ta' attività annwali jagħti stampa ġusta tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tad-diversi sistemi ta' sorveljanza u kontroll fis-seħħ. Huwa ċar u informattiv, b'mod partikolari permezz tal-użu tiegħu ta' indikaturi kwantitattivi. Huwa jiddikjara li, minħabba t-tfassil u r-riżultati tal-arkitettura tal-kontroll multiannwali tiegħu, il-EuropeAid ma jemminx li r-rata ta' żbalji residwali fuq il-portafoll tiegħu jistħoqqilha riżerva fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali <sup>(23)</sup>. Madankollu, huwa ma jipprovdi evidenza biex isostni din id-dikjarazzjoni. Fin-nuqqas ta' indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat ta' żball residwali wara li l-kontrolli kollha *ex-ante* u *ex-post* ikunu ġew implimentati <sup>(24)</sup>, il-EuropeAid mhux f'pożizzjoni li juri li l-impatt finanzjarju tan-nuqqasijiet u tal-iżbalji jibqa' taħt il-kriterji tal-materjalità stabbiliti.

51. Fir-rigward tas-sena finanzjarja 2009, id-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid iddikjara li kiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri tal-kontroll eżistenti taw il-garanziji meħtieġa dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-verifika tal-Qorti ma tikkorrobora din id-dikjarazzjoni. Hi sabet li s-sistemi tal-EuropeAid kienu parzjalment effettivi u li l-pagamenti ġew affettwati b'mod ġenerali minn żbalji materjali; filwaqt li l-pagamenti li saru mill-FEI kienu ħielsa minn żbalji materjali, il-pagamenti li saru mill-EuropeAid mill-Baġit Ġenerali tal-Komunità għar-Relazzjonijiet Esterni u l-Iżvilupp ġew affettwati minn żbalji materjali <sup>(25)</sup>. Il-Qorti tikkunsidra li d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità.

<sup>(23)</sup> Il-paġna 56.

<sup>(24)</sup> Ara l-paragrafi 29 u 54 tar-Rapport Annwali tal-2008 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-FEI.

<sup>(25)</sup> Ara l-Kapitolu 6 tar-Rapport Annwali tal-2009 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

50. Il-Kummissjoni temmen li l-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi f'fl-erba' blokk ta' bini ta' "assigurazzjoni" tar-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tabilħaqq jipprovdu x-xhieda biex tinfed l-istqarrija tad-Direttur Ġenerali dwar assigurazzjoni raġonevoli. Madankollu, il-EuropeAid jagħraf li jista' jsir aktar xogħol biex jiġu żviluppati indikaturi speċifiċi b'rabta mal-qafas multiannwali ta' kontroll, u fl-2010 beda x-xogħol biex jiġu kkunsidrati metodoloġiji possibbli għall-impatt finanzjarju stmat tal-iżbalji li ma jkunx hemm spjegha għalihom.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

52. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-kontijiet tal-FEI għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEI u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-likwidità tagħhom għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjonijiet fil-paragrafi 17 u 18 dwar l-ammonti ta' garanziji.

53. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009:

- (a) id-dħul tal-FEI kien ħieles minn żbalji materjali;
- (b) l-impenji tal-FEI kienu ħielsa minn żbalji materjali iżda ġew affettwati minn frekwenza sinifikanti ta' żbalji mhux kwantifikabbli; u
- (c) l-pagamenti tal-FEI kienu ħielsa minn żbalji materjali. Madankollu, ġew affettwati minn żbalji mhux kwantifikabbli frekwenti.

54. Kif diġà ġie nnutat fir-Rapport Annwali tal-2008 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-FEI <sup>(26)</sup>, il-EuropeAid stabbilixxa strateġija ta' kontroll komprensiv. Fl-2009, il-EuropeAid kompli jġib titjib sinifikanti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll iżda f'ċerti oqsma għad hemm id-dgħjufijiet. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-EuropeAid kienu parzjalment effettivi fl-assigurazzjoni tar-regularità tal-pagamenti. Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati f'dan il-kuntest.

- (a) Il-EuropeAid għandu, fil-kuntest tar-reviżjoni pjanata tiegħu tal-istrateġija ta' kontroll ġenerali tiegħu, jiżviluppa indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat ta' żbalji residwi wara li l-kontrolli kollha *ex-ante* u *ex-post* ikunu ġew implimentati, ibbażat pereżempju fuq eżaminazzjoni ta' kampjun statistiku rappreżentattiv ta' proġetti magħluqa;
- (b) il-EuropeAid għandu, fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni, jivvaluta l-effettività tal-ispejjeż tad-diversi kontrolli, speċjalment tas-sistema ta' kontroll tranżazzjonali *ex-post*;

54. Il-EuropeAid fassal il-kontrolli tiegħu biex ikopru l-perjodu sħiħ tal-proġetti multiannwali tiegħu. Huwa jemmen li dawn is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll huma effettivi u tjebru b'mod sinifikanti sena wara sena, kif rifless fiż-żieda fil-proporzjon tal-pagamenti għal kollox regolari li l-Qorti sabet fil-kampjun tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-Qorti fis-snin li għadew twettqu u ħafna minn dan it-tjib ġie rrikonoxxut mill-Qorti u wassal biex elementi sinifikattivi tas-sistemi ewlenin ta' kontroll jiġu ġġudikati bħala "effettivi".

- (a) Il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq il-kunsiderazzjoni ta' metodoloġiji possibbli għall-iżvilupp ta' indikatur ewlieni għall-impatt finanzjarju stmat tal-iżbalji li ma jkunx hemm spjega għalihom fl-2010, kif preskritt fit-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali tal-2008.
- (b) Il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq ir-reviżjoni tal-istrateġija tagħha ta' kontroll kmieni fl-2010, kif preskritt fit-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali tal-2008. Fl-2010 l-Kummissjoni se toħroġ Komunikazzjoni dwar ir-Riskju Tollerabbli ta' Żbalji fil-qasam tal-għajjnuna esterna.

<sup>(26)</sup> Il-paragrafu 55.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

- (c) il-EuropeAid għandu jiffinalizza u jxerred is-sewta ta' għodod tal-ġestjoni finanzjarja b'mira lejn ir-riskju għoli inerenti ta' żbalji fil-livell ta' organizzazzjonijiet implimentattivi, kuntratturi u benefiċjarji biex jiżgura għarfien adegwat tal-ġestjoni finanzjarja u r-regoli tal-eliġibbiltà;
- (d) il-EuropeAid għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-Delegazzjonijiet jirreġistraw id-data fil-Verifika CRIS b'mod komprensiv u f'waqtu;
- (e) it-tfassil tal-Verifika CRIS għandu jiġi modifikat biex jipprovdi informazzjoni dwar l-ammonti tan-nefqa finali ineliġibbli u l-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula wara li jkun tlesta l-proċess tal-approvazzjoni tal-verifika ma' min ikun qed jiġi vverifikat.

55. Fir-rigward tas-sostenn tal-baġit, il-Qorti tirrakkomanda li:

- (a) il-EuropeAid għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet speċifiċi għal porzjonijiet varjabbli bbażati fuq il-prestazzjoni jspesifikaw b'mod ċar l-indikaturi, il-miri, il-metodi tal-kalkolu u s-sorsi tal-verifikazzjoni;
- (b) il-EuropeAid għandu jiżgura li r-rapporti tad-Delegazzjonijiet jipprovdu dimostrazzjoni strutturata u formalizzata tal-progress tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi billi jstabbilixxi b'mod ċar il-kriterji li fuqhom kellu jiġi vvalutat il-progress (jiġifieri r-riżultati li l-Gvern benefiċjarju kellu jikseb matul il-perjodu kkonċernat), il-progress li sar u r-raġunijiet li għalihom il-programm ta' riforma seta' ma ġiex implimentat skont il-pjan.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

- (c) *Il-kitt għall-għodda għall-Amministrazzjoni tal-Finanzi se jiġi ffinalizzat fl-2010 u se tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-kwisjonijiet imqajmin mill-Qorti.*
- (d) *Il-EuropeAid se jissokta bl-isforzi tiegħu sabiex jiżgura li l-informazzjoni tkun miktuba bil-kodiċi fl-Awditjar tal-CRIS b'mod preċiż u fil-ħin.*
- (e) *L-ammont tan-nefqa mhux eliġibbli jrid jiddaħħal fl-Awditjar tal-CRIS qabel ma jingħalaq rekord ta' awditjar (parti mandatarja minn Frar 2010 'l hawn). It-tagħrif dwar l-ordnijiet ta' rkupru maħruġin b'riżultat tal-eżerċizzji tal-awditjar huwa inkluż fil-modulu tal-Ordni ta' Rkupru tal-CRIS. Jista' jiġi kkunsidrat xi titjib bil-ħsieb li jsir konsolidament, iżda dan ikun jitlob aktar żviluppi tal-IT. Huwa disponibbli tagħrif dwar l-ammont tan-nefqa mhux eliġibbli finali misjuba u msewwija fil-mument tal-pagament. Fl-2009 dan kien jirrappreżenta 0.7 % tal-ammonti fatturati.*

55.

- (a) *Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza ta' aktar rigorożità fid-definizzjoni tal-miri tar-riżultati, il-metodi tal-kalkolu u l-għejjun tal-verifikazzjoni. Din il-kwistjoni qed tingħatalha attenzjoni akbar matul il-proċess tal-valutazzjoni inter pares tal-EuropeAid (Grupp ta' Sostenn għall-Kwalità) għall-kunsiderazzjoni ta' programmi ġodda.*
- (b) *Il-Kummissjoni żviluppata qafas rivedut għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ dwar il-progress fil-ġestjoni finanzjarja pubblika li jiffoka fuq ir-riżultati miksubin meta mqabblin mal-aspettattivi bażiċi tal-bidu. Il-format rivedut ġie ffinalizzat f'Ġunju 2010 u r-rapporti pajjiż b'pajjiż li jużaw dan il-metodu rivedut se jkun l-bażi li fuqha se tiġi vvalutata l-eliġibbiltà għall-pagamenti għall-bqija tal-2010 u wara.*

## ANNEX 1

## RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET TAL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP

	2009						2008	2007
	Proġetti		Sostenn tal-Baġit		Total			
<b>DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN</b>								
Total ta' impenji :	40		10		50		45	60
Total ta' tranżazzjonijiet (li minnhom):	150		20		170		170	148
Pagamenti bil-quddiem	0		0		0		40	0
Pagamenti Interim/Finali	150		20		170		130	148
<b>RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR</b>								
<i>(f' % u numri ta' tranżazzjonijiet)</i>								
Tranżazzjonijiet mhux affettwati bi żball	80 %	{120}	65 %	{13}	78 %	{133}	76 %	63 %
Tranżazzjonijiet affettwati bi żball	20 %	{30}	35 %	{7}	22 %	{37}	24 %	37 %
<b>ANALIŻI TA' TRANŻAZZJONIJIET AFFETTWATI BI ŻBALL</b>								
<i>(f' % u numru ta' tranżazzjonijiet)</i>								
<b>Analiżi skont it-tip ta' żball</b>								
Żbalji mhux kwantifikabbli	57 %	{17}	100 %	{7}	65 %	{24}	61 %	49 %
Żbalji kwantifikabbli	43 %	{13}	0 %	{0}	35 %	{13}	39 %	51 %
<i>li jinkludu:</i> Eliġibbiltà	23 %	{3}	0 %	{0}	23	{3}	44 %	68 %
Okkorrenza	23 %	{3}	0 %	{0}	23	{3}	38 %	21 %
Eżattezza	54 %	{7}	0 %	{0}	54 %	{7}	19 %	11 %
<b>STIMA TAL-IMPATT TAL-IŻBALJI KWANTIFIKABBLI</b>								
Ir-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli :								
< 2 %	X							
2 % sa 5 %							X	X
> 5 %								

## ANNEX 2

RIŻULTATI TAL-EŻAMI TAS-SISTEMI TAL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP U TAL-GĦAJNUNA GĦALL-IŻVILUPP  
TAĦT IL-BAĠĠIT ĠENERALI

## Valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll magħżula

Is-sistema kkonċernata	Kontrolli ex-ante	Sorveljanza u superviżjoni	Verifiki esterni	Verifiki interni	Valutazzjoni ġenerali
EuropeAid: Servizzi ċentrali					
Delegazzjonijiet				M/A	

## Valutazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll

Valutazzjoni ġenerali	2009	2008	2007

## Kodiċi

	Effettiva/i
	Parzjalment effettiva/i
	Mhux effettiva/i
M/A	Mhux applikabbli: ma japplikawx jew ma ġewx ivvalutati

## ANNEX 3

## RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-ĠESTJONI TAL-KUMMISSJONI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP U L-GĦAJNUNA GĦALL-IŻVILUPP TAĦT IL-BAĠIT ĠENERALI

Id-DĠ Ewlenin ikkonċernati	Natura tad-dikjarazzjoni magħmula mid-Direttur ġenerali (*)	Riżervi magħmula	Osservazzjonijiet tal-Qorti	Valutazzjoni ġenerali tal-affidabbiltà
AIDCO	bla riżervi	M/A	Il-EuropeAid waqqaf strateġija ta' kontroll komprensiv u kompli jgħib titjib sinifikanti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tiegħu. Madankollu, il-verifika tal-Qorti sabet li għad hemm dgħufijiet f'ċerti kontrolli u li l-pagamenti kienu affettwati minn żbalji materjali.	B

(\*) B'riferenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/li għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jipprovdu l-garanziji meħtieġa dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

A: id-dikjarazzjoni tad-Direttur ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

B: id-dikjarazzjoni tad-Direttur ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

C: id-dikjarazzjoni tad-Direttur ġenerali u r-rapport ta' attività annwali ma jagħtux valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

## IS-SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAD-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

	L-osservazzjoni tal-Qorti	L-analiżi tal-Qorti	Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti	Ir-risposta tal-Kummissjoni
1.	Hemm ambitu għal konklużjonijiet aktar ċaridwar kif ir-riżultati tal-varji kontrolli jikkontribwixxugħall-assigurazzjoni tad-Direttur Generaliu biex jiġi żviluppat indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat tal-izbaljiresidwali wara li l-kontrolli ex-ante u ex-post kollha jkunu ġew implimentati. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 54)	Ir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2009 jippreżenta b'mod ġust l-implimentazzjoni u r-riżultati tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fis-seħħ. Huwa ċar u informativ, speċjalment permezz tal-użu ta' indikaturi kwantitattivi. Madankollu, ma jipprovdix dimostrazzjoni ċara li r-riżultati tad-diversi kontrolli jikkontribwixxu għall-assigurazzjoni raġonevoli tad-Direttur Ġenerali li l-impatt finanzjarju min-nuqqasijiet u mill-iżbalji jibqa' taħt il-kriterji tal-materjalità stabbiliti.	Il-EuropeAid għandu, fil-kuntest tar-reviżjoni ppjanata tiegħu tal-istrateġija ta' kontroll ġenerali tiegħu, jiżviluppa indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat ta' żbalji residwi wara li l-kontrolli kollha ex-ante u ex-post ikunu ġew implimentati.	<i>Il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq il-kunsiderazzjoni ta' metodoloġiji possibbli għall-iżvilupp ta' indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat ta' żbalji residwi fl-2010, kif deskritt fir-risposti tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali dwar l-2008.</i>
2.	Il-kontrolli ex-ante għandhom jittejjbu billi jsirfok akbar fuq ir-riskji prinċipali. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 55(a))	Għad hemm dgħujfijiet fil-verifikazzjonijiet imwettqa fir-rigward tal-eliġibbiltà tan-nefqa, il-kalkolu tal-ammonti kklejmjati u d-disponibbiltà tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa.	Il-EuropeAid għandu jiffinalizza u jxerred is-sett ta' għodod tal-ġestjoni finanzjarja mmirat lejn ir-riskju għoli inerenti ta' żbalji fil-livell ta' organizzazzjonijiet implimentattivi, kuntratturi u benefiċjarji biex jiżgura għarfien adegwat tal-ġestjoni finanzjarja u r-regoli tal-eliġibbiltà.	<i>It-toolkit tal-Ġestjoni Finanzjarja se jkun finalizzat fl-2010 u se tingħata kunsiderazzjoni xierqa għall-kwistjonijiet imqajma mill-Qorti.</i>
3.	Għandhom jiġu ppreparati pjanijiet tal-verifika annwali abbażi ta' analiżi tar-riskju aktar strutturata u valutazzjoni aktar realistika tar-riżorsi disponibbli għal dan il-għan. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 55(b))	Il-pjanijiet tal-verifika annwali ġew ippreparati abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju strutturata kif provdut mil-linji gwida tal-EuropeAid. Il-limitazzjonijiet tal-persunal fid-Delegazzjonijiet jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jvaraw verifiki bbażati fuq ir-riskju, u l-prijorità tingħata lill-verifiki obligatorji. Dawn jaffettwaw ukoll b'mod negattiv id-dewmien għall-proċess tal-approvazzjoni tal-verifika, li jinvolve riskju li nefqa mhux eliġibbli ma tkunx tista' tiġi rkuprata.	Ittieħdet azzjoni sodisfaċenti fir-rigward tal-proċess tal-ippjanar tal-Verifika Annwali.	<i>Il-Kummissjoni taqbel li nkiseb titjib sostanzjali fil-proċess ta' ppjanar tal-verifika.</i>
4.	L-implimentazzjoni ta' pjanijiet tal-verifika annwali għandhatkun is-sorveljanza mill-qrib matul is-sena sabiex jinstabudevjazzjonijiet sinifikanti u tittieħed azzjoni korrettiva f-waqt. (Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2008, il-paragrafu 55(c))	Is-servizzi ċentrali tal-EuropeAid, inklużi d-Direttorati ġeografiċi, jissorveljaw b'mod regolari l-implimentazzjoni tul iż-żmien, Fejn ikun meħtieġ, id-devjazzjonijiet jiġu investigati u jittieħdu azzjonijiet korrettivi.	Ittieħdet azzjoni sodisfaċenti.	<i>Il-Kummissjoni taqbel li nkiseb titjib sostanzjali fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-verifika.</i>

	L-osservazzjoni tal-Qorti	L-analiżi tal-Qorti	Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti	Ir-risposta tal-Kummissjoni
5.	Il-funzjonalitajiet tal-Verifika CRIS għandhom ikunu żviluppatibix jippermettu sorveljanza aktar effiċjenti u effettival-attivitajiet tal-verifika kif ukoll analiżi u segwitu tas-sejbi tal-verifika u r-rakkomandazzjonijiet. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 55(d))	Il-verifika CRIS mhux dejjem tipprovi data preċiża dwar l-ispejjeż tal-verifika u lanqas ma tipprovi xi informazzjoni fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji li saru bħala riżultat tal-verifiki.	It-tfassil tal-Verifika CRIS għandu jiġi modifikat biex jipprovi informazzjoni dwar l-ammonti tan-nefqa finali mhux eliġibbli u l-korrezzjonijiet finanzjarji li saru wara li l-proċess tal-approvazzjoni tal-verifika ma' min jiġi vverifikat ikun tlesta.	Wara titjib introdott fil-Verifika CRIS fi Frar 2010, l-ammont ta' nefqa ineliġibbli għandu jkun indikat qabel ma tingħalaq reġistrazzjoni tal-verifika. Fir-rigward ta' ordnijiet ta' rkupru maħruġa bħala riżultat ta' verifiki, din l-informazzjoni hija inkluża fil-modulu tal-Ordni ta' Rkupru tal-CRIS.
6.	Il-EuropeAid għandu jiżgura li d-Delegazzjonijiet jirreġistraw id-data fil-Verifika CRIS b'mod komprensiv u fwaqtu. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 55(e))	Minkejja tfakkiriet mis-servizzi ċentrali tal-EuropeAid u l-linji gwida aġġornati, id-Delegazzjonijiet kollha ma jirreġistraw id-data b'mod sħiħ u fwaqtu. Dan jaffettwa l-affidabbiltà tad-data miġbura użata bħala informazzjoni tal-ġestjoni, bħan-natura tal-opinjoni tal-verifika u r-rati ta' nefqa ineliġibbli.	Il-EuropeAid għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-Delegazzjonijiet jirreġistraw id-data fil-Verifika CRIS Audit b'mod komprensiv u fwaqtu.	Il-EuropeAid se jkompli jaħdem biex jiżgura l-kodifikazzjoni korretta u puntwali tad-data fil-Verifika CRIS.
7.	Fid-dawl tar-riżultati tal-approċċ adottat mid-Direttorat Cresponsabbli mill-pajjiżi AKP, il-EuropeAid għandjuwettaq reviżjoni tas-sistema ta' kontroll ex-post bil-ħsiebi jiġi vvalutat il-bżonn u l-fattibbiltà ta' estensjoni fl-ambitu ta' tali kontrolli. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 55(f))	Il-EuropeAid espanda l-ambitu ta' dawn il-kontrolli fl-2009 biex ikopru l-konformità mal-ftehimiet tal-finanzjament u l-proċeduri tal-kuntratt. Il-EuropeAid beħsiebu jwettaq reviżjoni ġenerali tal-approċċ tiegħu fl-2010 biex jespjora modi biex itejjeb aktar ir-relevanza u l-effettività ta' tali kontrolli fir-rigward tal-eżami tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-kwalità ta' kontrolli ex-ante mwettaq mill-uffiċjali li jawtorizzaw.	Il-EuropeAid għandu, fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni, jivvaluta l-effettività tal-ispejjeż tad-diversi kontrolli, speċjalment tas-sistema ta' kontroll tranżazzjonali ex-post, u jeżamina r-relevanza u l-fattibbiltà ta' verifika annwali ta' kampjun statistiku rappreżentattiv ta' proġetti magħluqa.	Il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq ir-reviżjoni tal-istrateġija ta' kontroll tagħha (li tinkludi indikatur possibbli għar-rata ta' żbalji residwi abbażi ta' verifika ta' kampjun statistiku rappreżentattiv ta' proġetti magħluqa) kmieni fl-2010, kif deskritt fir-risposti tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali dwar l-2008. Il-Kummissjoni se tipproduċi Komunikazzjoni dwar ir-Riskju Tollerabbli ta' Żbalji fil-qasam tal-ġhajjuna esterna fl-2010.
8.	Il-EuropeAid għandu jsegwi l-isforzi tiegħu biex isostni d-deċiżjonijiet tiegħu dwar l-eliġibbiltà-sostenn tal-baġit billi juri b'mod strutturat formali li l-pajjiżi li jirċievi għanduprogramm ta' riforma rilevanti biex jindirizzan-nuqqasijiet kollha sinifikanti fuq skeda ta'żmien prevedibbli u li jkun hemm impennmin-naħa tal-pajjiż biex jimplimentah. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 56 (a))	Il-ftehimiet tal-finanzjament tal-għaxar FEI jipprovdu oqsfa aktar ċari għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali dwar l-eliġibbiltà. Fir-rigward tal-kriterju marbut mal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-ftehimiet tal-finanzjament jirreferu għal skemi tal-valutazzjoni miftehma bejn il-Gvernijiet, il-Kummissjoni u donaturi oħra wkoll, bħall-Oqsfa tal-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni (PAF) li għandhom jiġu użati fil-kuntest tar-reviżjonijiet konġunti annwali tas-sostenn tal-baġit. L-applikazzjoni ta' tali oqsfa li jiddefinixxu l-għanijiet prijoritarji, l-iskedi ta'żmien u s-sorsi tal-informazzjoni li għandhom jintużaw tiffaċilita l-valutazzjonijiet tal-progress formalizzata u strutturata u għalhekk tippromwovi t-trasparenza ta' deċiżjonijiet tal-ħlasijiet.	Ittieħdet azzjoni sodisfaċenti.	Il-Kummissjoni taqbel li nkiseb titjib sostanzjali fil-qafas tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-eliġibbiltà għas-sostenn tal-baġit, u għal kundizzjonijiet tal-ħlas.

	L-osservazzjoni tal-Qorti	L-analiżi tal-Qorti	Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti	Ir-risposta tal-Kummissjoni
9.	Il-EuropeAid għandu jiżgura li l-ftehimiet ta'finanzjament kollha futuri jagħtu bażi-komprensiva u ċara għall-valutazzjoni tal-konformitàmal-kundizzjonijiet ta' pagament. (Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 56(b))	Il-kundizzjonijiet speċifiċi relatati mal-ħlasijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni ta' porzjonijiet varjabbli spiss ma jkunux ċari b'mod suffiċjenti fir-rigward ta' valuri tal-miri għal indikaturi, sorsi tal-verifikazzjoni u metodi tal-kalkolu; dan jista' jaffettwa t-trasparenza tad-deċiżjonijiet tal-ħlasijiet.	Il-EuropeAid għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet speċifiċi għal porzjonijiet varjabbli bbażati fuq il-prestazzjoni jispeċifikaw b'mod ċar l-indikaturi, il-miri, il-metodu tal-kalkolu u s-sorsi tal-verifikazzjoni.	<i>Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza ta' aktar reqqa fid-definizzjoni ta' miri tal-prestazzjoni, metodi ta' kalkolu u għejun ta' verifikazzjoni. Din il-kwistjoni qiegħda tirċievi attenzjoni akbar matul il-proċess tar-reviżjoni bejn il-pari tal-EuropeAid (Grupp għas-Sostenn tal-Kwalità) biex jiġiesu programmi ġodda.</i>